**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 207**

It-Tnejn, 19 ta' Frar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika l-Onor. Clayton Bartolo kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Michael Farrugia kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Davina Sammut Hili u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

L-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta 206 li saret fl-14 ta' Frar 2024 kienu kkonfermati.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3111 Rapport tal-parteċipazzjoni tas-Sedja, tal-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Toni Bezzina fit-8 Summit tal-Ispeakers u s-17-il Sessjoni Plenarja tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (PA-UfM), li nżammet ġewwa Rabat fil-Marokk fil-15 u s-16 ta' Frar 2024;

P.L. 3112 Kopja ta' ittra datata 16 ta' Frar 2024 mibgħuta mis-Sedja lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-President tal-Kummissjoni Ewropea dwar Opinjoni Motivata tal-Parlament Malti dwar il-Proposta għad-Direttiva tal-Kunsill dwar in-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT) (COM(2023)532), li ntbagħtet lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet Ewropej nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2024, skont kif provdut fil-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif anness mat-Trattat ta' Liżbona, flimkien mal-istess Opinjoni Motivata; u

P.L. 3113 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Preliminary Review: Leasing of Private Property by Government* datat Frar 2024.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13973, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3114 Tagħrif dwar in-numru ta' persuni ta' 'l fuq minn 60 sena li ġew interdettati mill-familjari fil-perjodu bejn Jannar 2015 u Jannar 2024 maqsuma bejn Malta u Għawdex.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 13973 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3115 Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 ingħataw kuntratt ta' konsulenza mad-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14881.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3116 Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 ingħataw kuntratt ta' konsulenza mad-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14884;

f'isem il-Prim Ministru, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3117 Lista ta' ftehimiet settorali tas-Servizz Pubbliku u lista ta' kull ftehim kollettiv li kienu ffirmati fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku għas-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16253;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 3118 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' impjegati fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER), maqsuma skont il-grad, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16255;

P.L. 3119 Tagħrif dwar skemi, programmi u Fondi Ewropej li jistgħu japplikaw għalihom bdiewa u sajjieda Maltin fl-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16294;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 3120 Attendenza tas-Sindki u l-Kunsilliera tal-Kunsilli Lokali ta' Ħad-Dingli u ta' Ħaż-Żebbuġ għall-perjodu bejn Lulju 2019 u Diċembru 2023 għal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali rispettivi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16154;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 3121 Tabella li turi break down tan-nefqa fuq l-iskema 'Stabbiltà', bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16314;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 3122 Informazzjoni u Formola/Applikazzjoni dwar l-Iskema ta' Kreditu fuq it-Taxxa marbuta ma' Terapiji, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 16389;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 3123 Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu membri ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15992; u

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3124 Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sa Frar 2024 kienu membri ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 15994.

## TALBA GĦAL RULING

L-Onor. Rebekah Borg talbet ruling mis-Sedja dwar il-fatt illi l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Clayton Bartolo, naqas milli jwieġeb għall-mistoqsija parlamentari 16270 li kienet saret lilu diversi drabi.

Is-Sedja informat lill-Kamra li kienet se tagħti ruling fi stadju ulterjuri.

## KUMITATI PERMANENTI

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, l-Onor. Carmelo Abela, irrapporta li Abbozz Nru 86 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4), kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 3) – ABBOZZ NRU 68

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3).

L-Onor. Cressida Galea ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9" inqara t-tielet darba u għadda.

## 2. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT– ABBOZZ NRU 73

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, f’isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626” inqara t-tielet darba u għadda.

## 3. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 80

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, f’isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2).

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626” inqara t-tielet darba u għadda.

## 4. ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA – ABBOZZ NRU 89

Il-Kamra rriżumiet mill-14 ta’ Frar 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Miriam Dalli.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3125 Artiklu li deher fuq il-media soċjali mis-Sur David Spiteri Gingell, Management Consultant.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jiġi stabbilit qafas legali għall-azzjoni klimatika u biex jiġi pprovdut l-istabbiliment ta’ korp ġuridiku li għandu jkun magħruf bħala l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima u sabiex jipprovdi dwar kwalunkwe materja konnessa jew anċillari għalih” inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, talbet il-permess sabiex tressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta’ kumitat ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ipproponiet li dan l-Abbozz ta’ Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.26 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Edward Zammit Lewis.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Edward Zammit Lewis qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3126 Diskors li għamel is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda António Guterres fi Munich, fis-16 ta' Frar 2024, bit-titlu "Secretary-General's remarks to the Munich Security Conference: Growing the Pie: A Global order that works for Everyone".

Fis-6.46 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Frar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**